4 ta' Marzu, 1965

**Imħallef:**

**Onor. Dr. M. Caruana Curran B.A., LL.D.**

Antonia Azzopardi, noe.

*versus*

Carmelo Sammut Alessi

**Promessa ta' Bejgħ — Terminu — Preskrizzjoni — Danni — Ġudikat — Spejjeż Ġudizzjarji — Art. 1407(1) u 2261(f) Kodiċi Ċivili.**

*L-azzjoni għad-danni derivanti min-nuqqas ta' adempjenza ta' promess ta' bejgħ hija preskrivibbli b'ħames snin skond l-art. 2261(f) tal-Kodiċi Ċivili.*

*It-terminu ta' tliet xhur stabilit bl-art. 1407(1) huwa biss inkiż biex l-effett tal-promessa tal-bejgħ ma jispiċċax.*

*Deċiżjoni dwar il-kap ta' l-ispejjeż tifforma wkoll ġudikat bejn il-kontendenti u dawn ma jistgħux jerġgħu jirrintagraw il-meritu relattiv għall-kap ta' l-ispejjeż taħt il-pretest ta' azzjoni għad-danni.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi b'skrittura tal-25 ta' Awissu, 1962, il-mejjet Nazzareno Azzopardi ppromettа u obbliga ruħu li jbiegħ u jittrasferixxi lill-attur li obbliga ruħu li jixtri d-dar numru ħamsa u sittin Annibale Preca Street, Ħal Lija, u illi bint l-imsemmi Nazzareno Azzopardi, fil-kwalità ta' kuratriċi tal-eredità ġjaċenti tiegħu nonostante li ġiet interpellata b'ittra uffiċjali naqset li tersaq għall-pubblikazzjoni tal-att tal-bejgħ definittiv, u għalhekk l-attur ippropona kawża quddiem din il-Qorti fl-is-

mijiet Carmelo Sammut Alessi vs. Antonia Azzopardi nomine, (Ċitazzjoni 923/62 ċċ); illi b'sentenza tat-28 ta' Mejju, 1963, dina l-Qorti ċaħdet it-talbiet ta' l-attur, b'riserva għal kwalunkwe azzjoni "si et quatenus" li l-attur jista' jkollu kontra l-eredità ta' Nazzareno Azzopardi, u dana għar-raġuni illi l-fond in kwistjoni fiż-żmien tal-konvenju ma kienx jappartjeni lil Nazzareno Azzopardi waħdu, iżda kien jappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti tiegħu u ta' martu Maria Assunta li mietet qabel fit-12 ta' Awissu, 1959, liema komunjoni ma kenitx ġiet likwidata u diviża, u illi bħala konsegwenza ta' dan kollu l-attur sofra danni; talab li premessi d-dikjarazzjoni meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, il-konvenuta fil-kwalità ta' kuratriċi ta' l-eredità ġjaċenti ta' Nazzareno Azzopardi tiġi dikjarata responsabbli tad-danni kollha li minħabba l-fatti premessi sofra l-istess attur, u tiġi kundannata tħallas lill-istess attur dawk id-danni li jiġu likwidati minn din il-Qorti jekk hemm bżonn bl-opera ta' perit nominat minn din l-Onorabbli Qorti. Bl-ispejjeż.

OMISSIS;

Ikkunsidrat:

Illi kif jirriżulta mis-sentenza ta' din il-Qorti fl-istess ismijiet, li għaliha l-attur irriferixxa fiċ-ċitazzjoni, Nazzareno Azzopardi, missier il-konvenuta, bi skrittura privata tal-25 ta' Awissu, 1962 esibita f'dik il-kawża, ipprometa u obbliga ruħu li jbiegħ u jittrasferixxi lill-attur, li min-naħa tiegħu obbliga ruħu li jixtri d-dar numru 65, Annibale Preca Street, Ħal Lija, bil-prezz ta' £2,200, u bil-kondizzjonijiet l-oħra msemmija f'dik l-iskrittura. L-imsemmi Nazzareno Azzopardi miet fit-8 ta' Novembru, 1962, qabel ma laħaq sar l-att tal-bejgħ fuq l-imsemmi konvenju. Fil-21 ta' Novembru, 1962, l-attur interpella ġudizzjarjament lill-konvenuta nomine, fl-istess kwalità tagħha ta' kuratriċi tal-eredità ġjaċenti, biex taddivjeni għall-

att definitiv ta' bejgħ, iżda billi hi ma resqitx għal dak l-att huwa għamlilha l-imsemmija kawża.

Illi bl-imsemmija sentenza il-Qorti ddeċidiet għall-esklużjoni tad-domanda ta' l-attur u dana fuq il-motivi li d-dar in kwistjoni kienet ġiet mibnija mill-imsemmi Nazzareno Azzopardi waqt il-ħajja ta' martu Maria Assunta Azzopardi li mietet fit-12 ta' Awissu, 1959, u li ma kenitx għadha saret il-likwidazzjoni u diviżjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejniethom, b'mod li, fil-mument ta' l-att ta' konvenju, id-dar kienet għadha tappartjeni indiviżament lill-imsemmi Nazzareno Azzopardi u lill-eredità ta' martu, omm il-konvenuta, u dawn ta' l-aħħar ma kenux parti f'dik l-iskrittura u konsegwentement ma setgħux jiġu kostretti jaddivjenu għall-bejgħ. In vista tal-fatt illi l-attur, sa meta intenta dik il-kawża, ma kienx jaf li Nazzareno Azzopardi ma kienx l-uniku proprjetarju tad-dar u li ma rriżultax li l-konvenuta ġiebet dawk il-fatti a konjizzjoni tiegħu sakemm huwa fetaħ dik il-kawża, il-Qorti akkordat temperament ta' l-ispejjeż fis-sens li ma jiġux taxxati bejn il-partijiet u, barra minn dan, irriservat lill-attur kwalunkwe azzjoni lilu spettanti "si et quatenus" kontra l-eredità ta' Nazzareno Azzopardi.

Illi fil-kawża preżenti l-attur qiegħed jirreklama mingħand il-konvenuta nomine id-danni li huwa jippretendi li sofra bħala konsegwenza tan-nuqqas tagħha, fil-kwalità ta' kuratriċi tal-eredità ġjaċenti ta' missierha, biex taddivjeni għall-att ta' bejgħ, liema danni huwa jippretendi li jikkonsistu fl-ispejjeż li huwa sofra fl-imsemmija kawża u fid-danni l-oħra indikati fil-prospett esibit a fol: 21. Kontra din il-pretensjoni, il-konvenuta nomine teċċepixxi fl-ewwel lok li l-azzjoni tiegħu hija estinta skond l-art. 1407(2) tal-Kodiċi Ċivili.

Illi għar-rigward tal-promessa ta' bejgħ, l-art. 1407(1) jiddisponi li jekk dik il-promessa tiġi aċċettata hija toħloq fil-

promittent l-obbligu li jagħmel il-bejgħ jew, jekk il-bejgħ ma jistax isir, li jħallas id-danni. L-istess artikolu jistabilixxi fit-tieni subartikolu tiegħu, bħala terminu ta' dekadenza, iż-żmien ta' tliet xhur mill-ġurnata li fiha l-bejgħ seta' jsir, biex l-aċċettant jinterpella ġudizzjarjament lill-promittent ħall jagħmel il-bejgħ, u jekk din l-interpellazzjoni ma ssirx fiż-żmien hekk prefiss, dik il-promessa ma tibqax ikollha effett eċċettwat il-każ ta' l-istipulazzjoni konvenzjonali ta' xi żmien itwal.

Illi f'dan il-każ l-attur kien debitament interpella lill-konvenuta nomine, wara l-mewt tal-promittent tal-bejgħ, biex taddivjeni għall-bejgħ, u laħaq anki ppreżenta, fiż-żmien utili prefiss mill-liġi, ċ-ċitazzjoni biex hija tiġi ordnata tagħti eżekuzzjoni regolari lill-konvenju. Għalhekk, fl-ispeċji, l-effett tal-promessa ta' bejgħ baqa' jseħħ a favur ta' l-attur u l-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenut nomine, mhijiex iżjed applikabbli. Iż-żmien ta' tliet xhur prefiss mill-art. 1407(2) għall-interpellazzjoni ġudizzjarja huwa intiż sempliċement biex l-effett tal-promessa ma jispiċċax, u stante li dak it-terminu ġie osservat mill-attur u li, kif jinsab ormai deċiż b'sentenza li għaddiet in ġudikat bejn il-partijiet, huwa wkoll ċert li l-bejgħ ma jistax isir, l-eredità ġjaċenti konvenuta hija responsabbli għad-danni. L-azzjoni għad-danni f'każijiet bħal dawn hija preskrivibbli biss f'ħames snin skond l-art, 2261(f). Il-promessa tal-bejgħ hija sempliċi obbligazzjoni di fare konvertibbli f'danni fil-każ ta' nuqqas ta' esekuzzjoni (Ricci, Vol. VII, para. 101, 102), soġġetta biss għar-regola partikolari tal-perijodu ta' tliet xhur għall-interpellazzjoni biex tinżamm fis-seħħ; u dan il-perijodu m'għandux jiġi konfus mal-perijodu l-ieħor għall-preskrizzjoni ta' l-azzjoni għad-danni fil-każ li dik il-promessa, wara d-debita interpellazzjoni ma tkunx tista' tiġi eżegwita. Għalhekk, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija respinta.

Illi l-attur iċċita in sostenn tat-teżi tiegħu s-sentenza pub-

blikata fil-Vol. XXXIII, i, 90, refiribilment għal dik il-parti li tirrigwarda l-validità tal-konvenju fejn il-promittent ikun deher għal persuni li tagħhom ma kellux ir-rappreżentanza fil-mument tal-konvenju. F'dik is-sentenza kien ġie deċiż li l-promessa kienet valida "inter contrahentes" bis-saħħa tal-art. 1024 (2) tal-Kodi.i Iżda dak il-każ mhuwiex "pari casu" mal-preżenti għaliex f'dak il-każ il-promittent Sultana kien effettivament ipprometta għan-nom ta' wliedu minuri li fuqhom però kien temporaneament tilef il-"protria potestà" li rrijakkwista *fil-mori tal-kawża, mentri hawnhekk il-każ hu iżjed "straight forward"* għax missier il-konvenuta qabad u pprometta li jbiegħ il-fond kollu f'ismu proprju meta ma setax ma kienx jaf li fond ma kienx kollu tiegħu u għalhekk kien in colpa u in mala fede u llum il-wirt tiegħu jinsab fi stat ta' inadempjenza kontrattwali "sic et semplicites" li huwa distingwibbli mill-inadempjenza minħabba n-nuqqas ta' eżekuzzjoni jew ta' ratifika ta' dawk li l-promittent ikun formalment ipprometta għalihom.

Illi hawnekk anqas ma huwa l-każ li wieħed jikkunsidra l-effetti possibbli ta' xi ratifika eventwali min-naħa tal-proprjetarji "pro indiviso" tal-fond, għax din id-ratifika ma tistax tkun ħlief konvenzjonali, u tiddependi unikament mill-volontà tal-proprjetarji l-oħra, mentri l-konvenuta nomine ġia ddikjarat li hi, fl-istess kwalità tagħha ta' kuratriċi tal-eredità ġjaċenti ma tridx taddivjeni għall-bejgħ; u f'dan is-sens, jekk qatt jista' jkun hemm distinzjoni bejn id-decujus u l-kuratur ta' l-eredità ġjaċenti tiegħu, hi wkoll tinsab fi stat ta' colpa u ta' mala fede għax il-vera obbligazjoni tagħha fil-kwalità li hija qegħda tidher fiha f'din il-kawża hi li b'xi mod takkwista l-kwoti l-oħra "pro indiviso" biex il-promessa tal-mejjet missierha tiġi onorata sa fejn u sakemm possibbli.

Illi għalhekk il-Qorti tiddikjara li, in ġenere, u salvo l-prova u *likwidazzjoni ta' l-istess danni, il-konvenuta nomine,*

hija responsabbli għar-risarċiment tad-danni sofferti mill-attur minħabba n-nuqqas tal-eżekuzzjoni tal-promessa ta' bejgħ magħmulha minn Nazzareno Azzopardi skond l-iskrittura tal-25 ta' Awissu, 1962.

Illi in kwantu fid-dani pretiżi mill-attur jidħlu wkoll l-ispejjeż li huwa nkorra fil-kawża fl-istess ismijiet fit-28 ta' Mejju, 1963, il-konvenuta nomine ssottomettiet fid-dikjarazzjoni tagħha u fit-trattazzjoni li (1) l-attur, qabel ma fetaħ dik il-kawża, missu aċċerta ruħu sew fuq il-pożizzjoni, u (2) li l-kap ta' l-ispejjeż ta' dik il-kawża jinsab ġa deċiż bejn il-partijiet b'sentenza li għaddiet in ġudikat. Dawn iż-żewġ kontestazzjonijiet tal-konvenuta nomine, huma koperti mit-tieni eċċezzjoni tagħha, ċjoè, li hi ma kkaġunatx danni lill-attur, u sa ċertu punt jillumeġġjawha.

Illi kwantu għall-ewwel osservazzjoni, il-promittent Nazzareno Azzopardi kien ippreżenta ruħu quddiem l-attur bħala proprjetarju uniku tal-fond u ffirma l-att tal-konvenju f'dik il-vesti, mentri kien biss wara l-preżentazzjoni taċ-ċitazzjoni f'dik l-ewwel kawża li l-konvenuta nomine rrilevatlu r-raġuni ta' l-oppożizzjoni tagħha, ħaġa li missa għamlet meta ġiet interpellata bl-ittra uffiċjali tal-21 ta' Novembru, 1962.

Illi t-tieni osservazzjoni li tammonta għall-eċċezzjoni tar-"res judicata", tidher iżjed denja ta' konsiderazzjoni. L-attur qiegħed jippretendi bħala danni, "inter alia", l-ispejjeż li huwa bata fl-ewwel kawża bejn il-partijiet. F'dik il-kawża l-Qorti pprovdiet, in vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, illi l-ispejjeż kellhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet, u l-attur qiegħed jirreklama l-ispejjeż li huwa sofra skond it-taxxa, esibita bħala Dok: A maċ-ċitazzjoni ammontanti b'kollox għal £81. 1. 11 u komprendenti anki £27. 7. 6 id-dritt tar-reġistru għas-sentenza. Apparti mill-kwistjoni tal-intendiment korrett tal-provvediment "bla taxxa" li għandu s-sinifikat tiegħu, il-kwistjoni issa

nsorti hija jekk il-parti sokkombenti f'xi parti mill-ispejjeż ta' kawżi tistax, in segwitu għal dik is-sentenza, terġa' tirreklamahom mingħand l-istess avversarju fil-forma ta' danni.

Illi kif huwa risaput l-elementi ta' res judikata huma tlieta, l-eadem res, l-eadem personae u l-eadem causa petendi. In kwantu jidħlu l-ispejjeż ta' l-ewwel kawża ma jidhirx li hemm lok għall-inqas diskussjoni fuq l-ewwel tnejn minn dawn it-tlitt elementi għax il-persuni huma l-istess u fl-istess kwalità u l-oġġetti in kontroversja huma wkoll l-istess. Kwantu għat-tielet element l-attur jista' forsi jobbjetta li l-kawsali tad-domanda hija differenti, għax mentri fl-ewwel kawża huwa kien talab il-kundanna tal-konvenuta nomine, fl-ispejjeż ġudizzjarji, f'din il-kawża huwa qiegħed jitlob il-kundanna tagħha għar-risarċiment tad-danni, u fosthom l-ammont ta' dawk l-ispejjeż.

Illi però l-argument ta' l-attur taħt dan l-aspett ma jidhirx legalment fondat għax id-deċiżjoni dwar il-kap ta' l-ispejjeż tifforma wkoll ġudikat bejn il-partijiet u jkun sovvertiment ta' dak l-istitut kieku l-Qrati, wara li jkunu ddeċidew il-kap relattiv b'sentenza li għaddiet in ġudikat, jerġgħu jirrintegraw il-meritu relattiv għall-kap ta' l-ispejjeż taħt il-pretest ta' azzjoni għad-danni, għax il-kawsali tad-danni ma tkunx ħlief l-istess kawsali travestita f'forma oħra. Fil-ġudizzji li jsiru bil-kontraditorju tal-partijiet l-uniku kriterju legali biex jiġi deċiż liema mill-kontendenti kellu tort hija li l-istess sentenza tal-ġudikant li ssolva l-kwistjoni (Mattirolo, Trattato di Diritto Giudizziario Civile, Vol. I, para. 182). Fl-ewwel kawża bejn il-partijiet il-Qorti marret sa fejn setgħet tasal meta ddeċidiet fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li l-attur, għalkemm sokkombenti, ma kellux imur minn taħt fl-ispejjeż kollha tal-kawża, u li l-konvenuta nomine, għalkemm rebbieħa, kellha tagħti wkoll sehem, u ħalliet l-ispejjeż bla taxxa għax bħala regola l-ispejjeż għandu jbagħtihom is-sokkombenti u għalkemm

bħala eċċezzjoni għal din ir-regola, il-Qorti tista', kif kienet għamlet f'dan il-każ, tipprevalixxi ruħha mid-diskrezzjoni lilha konferita mill-art. 221(3) tal-Kodiċi Proċedura Ċivili biex tordna l-kompensazzjoni totali jew parzjali ta' l-istess spejjeż; ir-regola u l-eċċezzjoni fuq imsemmija huma normi ta' dritt li l-Qrati ma jistgħux jiddiskotaw ruħhom minnhom, ħlief f'xi każijiet eċċezzjonali li mhumiex rilevanti għal dan il-każ, sal-punt li jpoġġi l-ispejjeż a kariku esklusiv tal-vinċitur (vide f'dan is-sens sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Vella v. Debono tad-29 ta' Ottubru, 1964, reċentement ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell u l-awtoritajiet fiha ċitati). L-attur lanqas ma appella minn din is-sentenza relativament għall-kap ta' l-ispejjeż u flok ma appella minn dak il-kap issa qiegħed jitlob l-istess spejjeż taħt forma ta' danni, iżda għar-raġunijiet premessi dik is-sentenza tikkostitwixxi ostakolu insormontabili għal dan is-setur tad-domanda ta' l-attur.

Illi għalhekk għalkemm il-konvenuta nomine tibqa' responsabbli in ġenere għad-danni kif ġa fuq dikjarat, il-Qorti tiddeċiedi li għandhom jiġu esklusi minn dawn il-danni, minħabba l-ostakolu tal-ġudikat fuq imsemmi, l-ispejjeż kalendati fit-taxxa esibiti mal-odjerna ċitazzjoni. Jibqgħu impreġudikati il-pretenzjonijiet u l-eċċezzjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar danni oħrajn li għandhom jiġu ppruvati u likwidati fl-istadju ulterjuri ta' din l-istess kawża. L-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni għandhom jitħallsu kif sejjer jingħad:—

(a) dawk relattivi għar-riġett ta' eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni mill-konvenuta nomine;

(b) dawk tad-dikjarazzjoni li l-konvenuta nomine hija in ġenere responsabbli għar-risarċiment tad-danni kaġjonati lill-attur jibqgħu riservati għas-sentenza finali fil-meritu;

(ċ) dawk relattivi għall-akkoljiment ta' l-eċċezzjoni tar-

"res judicata" dwar il-pretensjoni ta' l-attur għar-rifużjoni, in linea ta' danni ta' l-ispejjeż ġudizzjali minnu nkorsi skond it-taxxa msemmija fil-korp ta' din id-deċiżjoni jitħallsu mill-attur stess.

Il-kawża tibqa' diferita għall-isvolġiment ulterjuri tagħha dwar il-likwidazzjoni tad-danni l-oħra preteżi mill-attur għat-23 ta' Marzu 1965, jekk fl-intervall ma jkunx sar xi appell minn din id-deċiżjoni.